



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0413/2013**

28.12.2013

**\*\*\*II**

## **RAKKOMANDAZZJONI GĦAT- TIENI QARI**

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (12005/2/2013 – C7-0376/2013 – 2011/0194(COD))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Struan Stevenson

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- (III) Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
ANNESSTAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA.....	6
PROĊEDURA .....	7



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (12005/2/2013 – C7-0376/2013 – 2011/0194(COD))**

**(Proċedura legiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (12005/2/2013 – C7-0376/2013),
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-28 ta' Marzu 2012<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-4 ta' Mejju 2012<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>3</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0416),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 72 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0413/2013),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
  2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament u tal-Kunsill mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;
  3. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
  6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> ĠU C 181, 21.6.2012, p. 183.

<sup>2</sup> ĠU C 225, 27.7.2012, p. 20.

<sup>3</sup> Testi adottati 12.9.2012, P7\_TA(2012)0333.

## **ANNEX TAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA**

### **Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill dwar ir-regoli ta' kontroll fil-qasam tat-traċċabbiltà tal-prodotti u l-informazzjoni għall-konsumatur**

Bħala segwiti għar-riforma tar-Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni Ewropea biex tippreżentalhom proposta li għandha l-għan li temenda r-Regolament dwar il-Kontroll (Regolament (KE) Nru 1224/2009). Tali emenda għandha tqis il-ħtieġa għar-regolamentazzjoni tal-għoti ta' informazzjoni dwar it-tip ta' tagħmir għal dan li jirrigwarda l-prodotti derivati mis-sajd ta' ħut selvaġġ.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu wkoll lill-Kummissjoni biex tadotta, fil-ħin debitu, l-emendi neċessarji għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 fir-rigward tal-informazzjoni obbligatorja lill-konsumatur sabiex jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, kif emendat, u r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-għoti ta' informazzjoni fuq l-ikel lill-konsumaturi.

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	L-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura
<b>Referenzi</b>	12005/2/2013 – C7-0376/2013 – 2011/0194(COD)
<b>Data tal-1 qari tal-PE - Numru P</b>	12.9.2012                      T7-0333/2012
<b>Proposta tal-Kummissjoni</b>	COM(2011)0416 - C7-0197/2011
<b>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja ta' meta l-Parlament irċieva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari</b>	24.10.2013
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 24.10.2013
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Struan Stevenson 26.9.2011
<b>Eżami fil-kumitat</b>	4.11.2013
<b>Data tal-adozzjoni</b>	27.11.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+:                      22 -:                      2 0:                      1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	John Stuart Agnew, Carmen Fraga Estévez, Pat the Cope Gallagher, Dolores García-Hierro Caraballo, Ian Hudghton, Werner Kuhn, Isabella Lövin, Gabriel Mato Adrover, Maria do Céu Patrão Neves, Crescenzo Rivellini, Ulrike Rodust, Raül Romeva i Rueda, Struan Stevenson, Isabelle Thomas, Nils Torvalds, Jarosław Leszek Wałęsa
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Luis Manuel Capoulas Santos, Jean Louis Cottigny, Jim Higgins, Jens Nilsson
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	María Auxiliadora Correa Zamora, Salvador Garriga Polledo, Francisco José Millán Mon, Younous Omarjee, Ivo Vajgl, Luis Yáñez-Barnuevo García
<b>Data tat-tressiq</b>	28.11.2013

